# Il-Ħuttafa

numru 95

Novembru - Dicembru 2009




Sturnell

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



bebuna - fjura komuni tax-xitwa
ritratt ta' Desirée Falzon

# Ħej Ħuttaf!

editorjal

Darba (ilu tikka) l-BirdLife ħarġet dal-poster.




Fuqu kien hemm tpinġija ta' pispisella miexja fl-ilma, u taħtha l-kliem FEJN HEMM L-ILMA HEMM IL-ĦAJJA. Kif taraw, ma kienx xi poster kollu kuluri, imma kellu messaġġ tajjeb ħafna. Għax tiskanta, kull fejn jinġabar ftit ilma, ma ddumx ma ssib xi ħaġa ħajja fih jew madwaru.

L-affarijiet ħajjin kollha jridu l-ilma biex jgħixu. Meta l-ħajja bdiet fid-dinja miljuni u miljuni ta' snin ilu, din bdiet fl-ilma. Anke llum eluf ta' speċi ta' annimali u pjanti jgħixu fil-baħar, fix-xmajjar u fl-għadajjar. Dawk li telgħu l-art u tgħallmu jgħixu barra mill-ilma xorta għandhom bżonn l-ilma biex ġisimhom jaħdem. Anke l-għekiereb li jgħixu fid-deżert imutu bla ilma xejn xejn.

Pa, x'inhuma għekiereb?

Skorpjuni, ibni.

Malta nieqsa ħafna mill-ilma. Xita ftit tagħmel (u dix-xitwa x-xita donnha nsietna!) u xmajjar m'għandniex. Il-ftit għadajjar tax-xita li jiffurmaw fil-widien malajr jinxfu bix-xemx jew jinżlu fil-blat. Ħlief il-baħar, ftit għandna postijiet li jkollhom l-ilma s-sena kollha. Għalhekk fejn dawn il-postijiet jeżistu, bħall-Għadira, is-Simar, is-Salina, Sarraflu u l-widien tal-Baħrija u tal-Lunzjata, iktar irridu nibżgħu għalihom, ħalli l-ħajja ta' ġo fihom ma tispiċċax.

Victor
**Victor Falzon**
l-editur



Victor Falzon

mal-faċċata



L-iSTURNELL (Common Starling *Sturnus vulgaris*) huwa għasfur li naraw ħafna minnu fil-ħarifa u fix-xitwa. Iħobb il-kumpanija u għalhekk kultant tara qtajja' kbar li jkun fiha eluf ta' sturnell. Xi kaċċaturi jieħdu pjaċir jisparaw fuqhom għal xejn b'xejn!

Ritratt ta' Denis Cachia



## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Il-Far u l-Ballottra | 5 |
| Mill-arti ta' Pau | 5 |
| Il-Ġniepru | 6 |
| Fjuri Xitwin | 7 |
| Attività | 8 |
| Rapport | 8 |
| Foresta 2000 | 9 |
| Nilagħbu Tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Messaġġ bil-Kulur Isfar | 11 |

il-Kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon

il-Kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

il-Klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1200 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Diċembru 2009
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




Victor Falzon

# Ħarquha!

**Kellha mijiet tas-snin, forsi iktar minn 400 sena. Kienet l-ixjeħ siġra taż-Żnuber selvaġġa f'pajjiżna, kbira u timpressjonak. Jekk ġejtu ħarġiet għall-iMġiebaħ tiftakruha żgur, forsi anke għannaqtuha! Imma xi ġranet qabel il-Milied, kriminal għoġbu jagħtiha n-nar u jaħraqha!**

**U b'hekk Malta tilfet ġawhra oħra tan-natura...**

9 Nov 2008. Mdawra bil-ħbieb! (minn *Il-Ħuttafa* 89)

Kathleen Mamo



# Raw ħafna Graw!

Il-Grawwa hija tajra kbira (bl-Ingliż *Common Crane*). F'Malta tidher kull sena fi ftit numri, l-iktar fil-ħarifa. Imma dil-ħarifa kienet speċjali. Fil-ġimgħa ta' qabel il-Milied għadda ħafna graw minn fuq Malta: darba minnhom il-berdwoċers raw kważi elf f'ġurnata waħda. Dar-ritratt sabiħ ħadu Adin Vella, membru tal-Klabb, waqt li kien berdwoċing f'Ta' Ċenċ fil-21 Diċembru 2009.






# Għasfur Ġdid




Fil-Vietnam u fil-Laos, xjenzati tal-BirdLife International għadhom kemm sabu għasfur ġdid. Dan huwa l-**Limestone Leaf-warbler** *Phylloscopus calciatilis*. Il-Limestone Leaf-warbler huwa safrani b'faxx sabiħ iswed ma' wiċċu. Għall-ewwel l-[1]ornitoloġi ħasbuh speċi oħra li kienu jafu biha, imma mbagħad indunaw li kellu għanja differenti. Għalhekk studjawh aħjar u ċċekkjawlu anke d-[2]DNA, u ma damux ma kellhom prova ċara li dan kien għasfur ġdid għax-xjenza! Dan l-għasfur żgħir jgħix f'inħawi tal-Vietnam Ċentrali, f'ambjent jgħidulu karst. Karst huwa ambjent bil-blat jixbaħ ftit lix-xagħri tagħna, imma fih ukoll irqajja' sbieħ ta' foresta.

F'dawn l-aħħar snin mill-Vietnam biss diġà nstabu erba' għasafar ġodda.

Leaf-warblers huma għasafar żgħar ħadranin, u f'Malta jiġu diversi minnhom. Per eżempju daż-żmien ikollna l-Vjolin tax-Xitwa. Jekk għandkom ġardina forsi hemm wieħed issa stess iteftef qalb il-weraq.


Limestone Leaf-warbler

Victor Falzon


ambjent karst

# L-aħħar żifna!


International Animal Rescue



Wara iktar minn 500 sena, iż-żfin tal-orsijiet fl-Indja spiċċa.

Dal-povri orsijiet ibatu snin ta' tortura biex taparsi jiżfnu. Ikissrulhom snienhom, itaqqbulhom imniħirhom, isawtuhom, iħalluhom bil-ġuħ. Insomma, ħajja infern. Sa ftit snin ilu fl-Indja kien għad hemm mijiet minn dawn l-orsijiet maħqurin, allavolja kontra l-liġi. Issa, ftit ġimgħat ilu l-International Animal Rescue (IAR) fl-Indja ħabbret li rnexxielha ssalva l-aħħar ors żeffien fl-Indja. Prosit IAR.

Il-bniedem ilu jżeffen l-orsijiet minn żmien il-Medjuevu, u dari kien mifrux mal-Ewropa kollha. Kienet ħaġa popolari, għax qabel in-nies ma kienx jimpurtahom minn dak li jħossu l-annimali. Illum hawn ħafna kuxjenza u għalhekk iż-żfin tal-orsijiet spiċċa minn ħafna pajjiżi. B'xorti ħażina għad hawn xi pajjiżi, bħall-Albanija u l-Kosovo, fejn għadu legali.

[1]**ornitoloġi** - nies li jistudjaw l-għasafar. Fl-antik il-BirdLife kien jisimha MOS, jiġifieri Malta Ornithological Society.
[2]**DNA** - sustanza li tinsab fl-affarijiet ħajjin kollha, li minnha x-xjenzati jitgħallmu fuq kemm u kif l-affarijiet ħajjin jiġu minn xulxin.

**Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda).**

**Dinja Waħda** hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn **BirdLife Malta** u **Bank of Valletta**, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.

dinja waħda

BirdLife MALTA
BOV Bank of Valletta








# Tinsewx dak il-poster!

Kull darba li ġġeddu l-miżata fi Klabb Ħuttaf, nibagħtulkom poster bil-kulur tal-għasafar. Bħalissa qed nagħmlu poster ġdid bl-għasafar tal-għana. Jekk tixtiequ tirċievu dan ukoll, qis li ma tinsewx iġġeddu! Fi Klabb Ħuttaf tgawdu u titgħallmu. Nixtiqukom ħafna wkoll li tħajru lil sħabkom biex huma wkoll jidħlu membri!




## Mill-arti ta' PAU




# Il-Far u l-Ballottra

Dan l-aħħar il-ħabib tagħna Michael Sammut kien qiegħed berdwoċing Il-Fawwara (parti mill-irdum ta' Ħad-Dingli) meta ra xena mhux tas-soltu.

Fil-ħamrija ħdejn ħajt tas-sejjieħ ra Ballottra wieqfa statwa xxammem u żżebbeġ għajnejha lejn xi ħaġa fil-ħaxix. F'daqqa waħda tat ġirja lejn il-ħaxix, u dak il-ħin minn mal-ħajt tas-sejjieħ inqala' far imwerwer li pprova jaħrab. Imma l-Ballottra kienet żvelta wisq, ġriet għalih, qabżet għal fuqu, ħatfitu minn griżmejh u qatlitu.

B'xorti tajba Michael kellu l-kamera lesta u ħa koċċ ritratti. B'hekk seta' jaqsam magħna aħjar din l-esperjenza.


Wieqfa statwa xxammem...

Michael Sammut


Żvelta ġriet għalih...

Michael Sammut


Ħatfitu minn griżmejh...

Michael Sammut




Għalkemm il-Ballottra mhix rari ħafna f'pajjiżna, hija mgerrxa mill-bniedem u spiss toħroġ bil-lejl. Għalhekk ma tantx jarawha nies, u esperjenza bħal ta' Mike mhix ħaġa komuni.




Victor Falzon

# il-Ġniepru

Phoenicean Juniper *Juniperus phoenicea*

Fost is-siġar [1]koniferi li għandna Malta, il-Ġniepru hija l-inqas waħda magħrufa u l-iktar rari fil-Gżejjer Maltin. L-unika popolazzjoni li għandna tinsab fl-inħawi tal-Ballut tal-Wardija. Xi siġar oħra jinsabu mferrxin f'waħdiet, fosthom tnejn il-Furjana, tlieta l-Għammieri u waħda ħdejn Foresta 2000.

Il-Ġniepru mifruxa sew madwar ix-xtut tal-Mediterran u l-madwar, u tiflaħ sew għall-ambjenti nixfin ta' dan l-inħawi. Fejn tikber folta, tista' tifforma makkja partikolari tagħha. Tikber mill-Gżejjer Canarias, il-Marokk u l-Portugall sat-Turkija u l-Eġittu kif ukoll fil-muntanji tal-punent tal-Arabja Sawdita. F'Lampedusa, gżira qrib Malta, kienet ukoll mifruxa sew.

Dis-siġra tixbaħ ħafna liċ-Ċipress u anke l-Għargħar, tant li bl-Għarbi tissejjaħ ukoll *Għargħar*. L-aħjar mod biex tagħraf il-Ġniepru miċ-Ċipress u mill-Għargħar huwa mill-frott: tal-Ġniepru jkun artab u mlaħħam flok miksi qxur tal-injam. Il-frotta tkun wiesgħa 6-14mm, għall-ewwel tkun ħadra, imbagħad issir vjola fil-kannella. L-għasafar jikluha u wara li tgħaddi minn ġisimhom, iż-żerriegħa toħroġ mal-ħmieġ, u fejn taqa' tista' tinbet. Meta tikber, is-siġra s-soltu tieħu forma ta' piramida għalkemm qatt ma tkun b'naħat perfetti. Ma togħliex ħafna imma tgħix mijiet tas-snin: l-eqdem Ġniepru fid-dinja jqisu li għandha xi elf sena.

F'xi pajjiżi jħawlu l-Ġniepru f'ringieli folti madwar ix-xtut biex iservu ta' lqugħ mir-riħ. Il-frotta jużawha biex jagħmlu l-ġin. Fil-fatt il-kelma *ġin* ġejja minn *ġniepru*.

In-nuqqas tal-Ġniepru fil-gżejjer tagħna aktarx li hu riżultat tal-qerda kważi totali tal-masġar naturali Malti. Għalhekk tajjeb li jsir sforz biex inħawlu iktar minn dis-siġra, ħalli l-Ġniepru jerġa' jsir komuni f'pajjiżna.

Biex tkattar il-Ġniepru mhux diffiċli. Iġbor iż-żerriegħa f'Ottubru u iżragħha mill-ewwel. Jekk le, iż-żerriegħa torqod u ddum ħafna ma tinbet. Ftakar li mhux is-siġar kollha tal-Ġniepru jagħmlu l-frott għax uħud minnhom ikunu rġiel biss!

il-masġâr **Charles F. Grech**

[1]**koniferi** - siġar li jkabbru l-prinjoli, bħaż-Żnuber u ċ-Ċipress.

Victor Falzon



Il-weraq jikber forma ta' qxur irqaq madwar iz-zokk.



Il-frott misjur ikun artab u aħmar skur.

Charles F Grech





# Fjuri Xitwin

kitba u ritratti **Victor Falzon**

*Minħabba li fil-ħarifa tkun għamlet ix-xita u minħabba li Malta ma tagħmilx kesħa kbira, ix-xitwa hija żmien tajjeb għall-fjuri.*

*Hemm fjuri li tarahom kważi s-sena kollha, bħall-Buttuniera, imma hemm fjuri li tarahom daż-żmien biss, bħan-Narċis. Hemm fjuri li jikbru baxxi fl-art, bħall-Margerita Selvaġġa, u hemm fjuri li jsiru arbuxxelli, bħall-Erika. Hemm fjuri li jikbru kullimkien, bħall-Qarsu, u hemm fjuri li jridu ambjent speċjali, bħall-Garni tal-Pipa, li tħobb art umda u dellija.*

*Il-fjuri tax-xitwa jibdlu l-kampanja Maltija f'tapit aħdar mimli lwien, fwieħa u ħajja.*






















Gawduhom il-fjuri! Missuhom, xommuhom, studjawhom, ħudulhom ir-ritratti.

Imma qatt u qatt taqtgħuhom!



Desirée Falzon

# Sejrin sal-Foresta!

L-ewwel ħarġa tas-sena ħa tkun lejn Foresta 2000, proġett li llum sar magħruf ma' Malta kollha. Aħna ta' Klabb Ħut-taf kburin ħafna b'dal-proġett għax qed inkabbru foresta sabiħa għan-natura u għat-tgawdija ta' kulħadd. Imma għalina Foresta 2000 hija speċjali wkoll għax kien Klabb Ħuttaf li ħareġ bl-idea u konna aħna li bdejnieh. Tinsewha qatt din!

U la bdejnieh aħna, tajjeb li nibqgħu ngħinu f'dal-proġett, hux. Għalhekk ħa mmorru nżuru l-Foresta mhux biss biex naraw f'hiex waslet, imma anke biex kif inkunu hemm inħawlu xi siġar aħna ukoll.

Mela qisu li narawkom eh!

| | |
|---|---|
| data | Il-Ħadd **24 Jannar 2010** |
| niltaqgħu | Quddiem ir-riserva tal-Għadira |
| ħin | **8.30am** |
| nispiċċaw | Xi **nofsinhar** |
| ġibu | Ikel u xorb, tromba (jekk għandkom), nowtbuk, lapes. Tiġux bit-tkaken! |
| merħba | *Membri tal-Klabb u l-familji tagħhom |

*tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir



Krista Camilleri

# Meta morna Wied L-Isqof

jirrapporta Timothy Micallef

Nhar il-Ħadd 29 Novembru kellna l-ħarġa ta' Klabb Ħuttaf għal Wied l-Isqof. Iltqajna fit-8.30am ħdejn is-Seminarju r-Rabat u għal xi d-9am bdejna l-passiġġata.

Wara ftit wasalna ħdejn kappella antika fejn rajna veduta mill-isbaħ tal-Buskett u l-Palazz Verdala, Ħad-Dingli u l-wied miftuħ taħtna. Komplejna nimxu 'l isfel għal ġol-wied fejn rajna ħafna pjanti bħal **Ħannewija**, **Kappara**, **Buttuniera** u **Bajtar tax-Xewk**. Fil-Bajtar sibna ħafna għanqbut tal-**Brimba tal-Pal**. Imbagħad wasalna ħdejn nixxiegħa tal-ilma fejn rajna xi ftit **Żrinġijiet** u marżebb. Wara brejk qasir komplejna nimxu u għaddejna minn trejqa mimlija **Qasab** mal-ġnub. Hawnhekk rajna ħafna pjanti oħrajn fosthom **Garni tal-Pipa**, **Faqqus il-Ħmir**, **Papoċċi Ħamra** u l-ispeċi rari **Denb iż-Żiemel** li ma tikbirx f'ħafna nħawi oħrajn hawn Malta. Smajna wkoll xi għasafar, fosthom **Bufula Sewda** u **Bufula tal-Għollieq**. Għal xil-11am ħadna ritratt tal-grupp, u minħabba li ma stajniex inkomplu mexjin ġol-wied għax kien inaċċessibbli, tlajna telgħa li wasslitna Tal-Virtù. Hemm temmejna l-ħarġa u għedna ċaw.



Brimba tal-Pal

Victor Falzon

Ħadna ħafna gost u nixtieq nirringrazzja lill-organizzaturi, leaders u berdwoċers ta' din l-attività tassew interessanti.

## www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela zur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin għall-berdwoċing. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf.




merlinlibrary
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books
to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlinlibrary
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575
T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135








Dehra sabiħa ta' Foresta 2000 mill-ajru

Aron Tanti

# Foresta 2000

Foresta 2000 hija proġett kbir u sabiħ ta' taħwil ta' siġar. Kienet ir-rigal li l-BirdLife ħolmot bih għall-millennju l-ġdid! Bis-saħħa ta' dal-proġett salva-jna għan-natura biċċa kbira mill-għolja tal-Marfa.

Imma Foresta 2000 mhix siġar biss. Fiha wkoll partijiet fejn ma jikbrux siġar, per eżempju x-xagħri u t-tafal. Dawn ukoll fihom il-flora u l-fawna speċjali tagħhom, li huma differenti min-natura tal-bosk. Fix-xagħri jikbru fjuri bħall-orkidi, u fit-tafli ta' dawk l-inħawi jikber ħafna narċis.

Flimkien, dawn l-ambjenti differenti jagħmlu lil Foresta 2000 iktar varjata u interessanti għall-fawna li tgħix hemm.



Narċis

Victor Falzon



Qanfud

Guido Bonett



Orkida piramidali

Victor Falzon

Foresta 2000 illum tieħu ħsiebha BirdLife Malta flimkien ma' Din L-Art Ħelwa u Park.

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Dal-**kuluvert** mejjet għal ftit kulur! Tħallihx abjad u ċass miskin... Oħroġ dawk il-kuluri, u meta tlesti, inżel sar-riserva tal-Għadira biex tara l-kuluverti fil-habitat tagħhom.





Victor Falzon



# galerija

Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom u r-ritratti li tieħdu. Basta tan-natura.





kokatiel
andré deguara 9



daqquqa tat-toppu
mario zammit 13



ċinju
alana attard 11




denb iż-żiemel
Timothy Micallef 15



paletta
danica marjan borg 10



kukkudrill
mark ciantar 8





# Messaġġ bil-Kulur

desirée falzon

In-natura mimlija kuluri. Imma dal-kuluri tgħid qegħdin biss biex jidhru sbieħ l-annimali u l-pjanti? Xejn minn dan! Jekk nosservaw in-natura mill-qrib, naraw li l-kuluri għandhom xogħol speċjali. Did-darba ħa naqbdu mal-kulur..



## isfar

### il-fjuri



lellux

Desirée Falzon

Qatt innutajt li l-biċċa l-kbira tal-fjuri fil-kampanja Maltija huma sofor? U kemm huwa rari li tara fjura blu? Din mhix kumbinazzjoni, imma jiġri għax il-ħamrija Maltija - bħall-blat li tiġi minnu - fiha ħafna ġir. Il-ġir jgħin lill-pjanti jieħdu sustanzi mill-ħamrija, imma mhux il-pjanti kollha jħobbu l-ġir! Ħafna fjuri blu, per eżempju, ma jistgħux jgħixu fil-ħamrija tagħna. Imma ħafna oħrajn li jagħmlu fjuri sofor jikbru tajjeb f'ħamrija bil-ġir. Għalhekk fil-kampanja tagħna l-fjuri sofor jispikkaw. Bħalissa per eżempju naraw ħafna Qarsu u anke Lellux. Pjanti oħrajn sofor huma l-Ġarġir Isfar, u ħafna tipi ta' tfief, ċfolloq, qrempuċ eċċ.

### il-brimb

Immaġinak kont brimba fuq fjura u qed tistenna tinżillek dubbiena biex taħtafha. Kieku x'kulur tixtieqek tkun? Ħeqq, ovvja: kulur il-fjura hux, ħalli l-priża ma tarakx! Fil-fatt, il-Brimba tal-Fjuri Mħattba (Humped Crab Spider) tagħmel proprju hekk: il-kulur tagħha huwa eżatt bħall-petali li toqgħod fuqhom. Fjura popolari ma' din it-tip ta' brimba hija l-Lellux, u peress li l-fjura tal-Lellux hija safra, il-brimba li tikkaċċja fuqha tkun safra wkoll. Jekk il-brimba tmur fuq pjanta differenti, tista' tibdel il-kulur fi ftit ġranet biex tiġi taqbel mal-fjura ġdida li tinzerta fuqha.



brimba tal-fjuri mħattba

Victor Falzon

### l-għasafar



flieles tal-bilbla

Denis Cachia

Meta jfaqqsu, ħafna frieħ tal-għasafar ikollhom qisha xoffa safra mal-ġnub ta' munqarhom, ftit qishom buffu! Din hija qisha kalamita għall-ġenituri, li kif jidħlu fil-bejta, l-istint jgħidilhom biex ideffsu l-ikel f'dawk il-ħluq miftuħin imdawrin bl-isfar! L-isfar huwa l-iktar kulur imdawwal u b'hekk l-għasafar ġenituri jkunu jistgħu jarawh anke jekk il-bejta tkun fid-dlam. Bis-saħħa ta' dan l-istint, il-flieles tal-għasafar jiżguraw li ma jibqgħux bil-ġuħ. Fil-fatt, wara li jitilqu mill-bejta u jitgħallmu jtiru, l-għasafar jitilfu din l-ispeċi ta' xoffa safra.

### l-insetti

Fin-natura, il-kulur isfar spiss tarah maġenb l-iswed, bħal per eżempju fil-każ taż-żnażan. Meta l-isfar issibu fi strixxi flimkien mal-iswed, oqgħod attent: l-annimal qed jgħidlek biex ma tmissux għax huwa perikoluż, velenuż jew mhux tajjeb għall-ikel. Ħafna annimali, bħall-għasafar, għandhom istint li jwissihom biex ma jaqbdux insetti bi strixxi sofor u suwed. Id-difiża tal-isfar u l-iswed tant hija effettiva li xi dubbien - li ma jagħtix ix-xewka - rabba wkoll kulur isfar u iswed biex jidhaq bil-[1]predaturi u jbellagħhielhom li huwa wkoll perikoluż!



żunżan tax-xehda

Desirée Falzon

[1]**predatur.** annimal li jaqbad annimali oħra biex jikolhom

# **BOV** Young Savers Account




## ahna nghinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV 24450